# Ir-Rwol tal-Festi Maltin fid-dawl tat-Tibdiliet Soċjali



Kevin Bonello - President Onorarju.

Meta jitolbuni nikteb artiklu, ma nħobbx neħles ħafif u nikteb erba' kelmiet jiġru biex inħaffef. Nippreferi li permezz tal-kitba min jaqra, ikollu l-opportunità li jixtarr u jaħseb u forsi anki jkun aġent tal-bidla. Għaldaqstant għażilt dan is-suġġett. Il-festi Maltin huma primarjament okkażjonijiet fejn il-lokalitajiet differenti jingabru u jingħaqdu fil-qima tagħhom lejn il-qaddis protettur tal-Parroċċa. Hawn Parroċċi fejn tispikka l-funzjoni reliġjuża fil-festa, waqt li hawn oħrajn fejn bħal donnu l-aspett soċjali hu bil-bosta iktar mogħti importanza. F'soċjetà dejjem iktar sekulari u liberali, allura wieħed irid jeżamina bir-reqqa x'inhuma r-rwoli li se jkollhom fiż-żmien li ġej ir-reliġjon u l-festi. Illum spiċċa ż-żmien fejn il-maġġoranza tal-Maltin jimxu bir-reqqa mar-regoli tal-Knisja Kattolika, anzi nazzarda ngħid li llum, huma biss minoranza li jagħtu kas. Madanakollu, il-festi komplew jissaħħu f'diversi lokalitajiet u kif wieħed jista' jobsor, fl-ebda lokalità ma tista' ssir festa biss, għal min hu Nisrani konvint. Biex nibni l-argument, se nieħu eżempju kemm kemm esaġerat. Il-Karnival ta' Rio De Janiero; magħruf għall-eċċessi forsi tiegħu u żgur għall-briju u l-kuluri hu eżempju soċjoloġiku, li minnu nistgħu nifhmu ħafna affarijiet anki f'Malta. F'dan il-Karnival jipparteċipaw u jattendu miljuni ta' nies, iżda meta tibda tgħarbel, tinduna li hemm ammont kbir ta' dawn il-parteċipanti li huma foqra materjalment, u jgħixu ħajja iebsa ħafna aktarx fit-toroq tal-ibliet u f'ghettos madwar il-belt. Ħafna minnhom huma bla xogħol u biex jgħixu, aktarx ikollhom anki jinvolvu ruħhom f'atti kriminali. Dawn il-persuni iżda, minkejja l-miżerja li qegħdin fiha, tarahom prattikament jaħlu ħajjithom u anki ġidhom biex jixtru materjal u jagħmlu kostumi tal-Karnival mill-isbaħ u sadattant bilkemm għandhom x'jilbsu fil-ħajja normali. Allura din x'inhi? Injoranza? Aktar milli injoranza, il-fatt hu li dawn il-persuni jaraw il-ġimgħa tal-Karnival bħala perjodu, fejn fih jistgħu jħossuhom protagonisti, fejn jistgħu jinsew l-uġigħ u d-dwejjaq, fejn jistgħu allura għal ftit granet, iħossuhom rejiet u rġejjen żgħar, qabel ma jirritornaw lura fil-miżerja ta' kuljum. Dan hu eżempju esaġerat iżda li jagħtina bosta elementi ta' tagħlim, fosthom li okkażjonijiet bħal dawn, jistgħu joffru doża ta' aljenazzjoni li tgħin fil-kontroll soċjali. Jekk nuża l-istess eżempju, persważ li kieku l-Gvern Brażiljan jiddeċiedi li jwaqqaf għal kollox il-Karnival, l-irvellijiet li jqumu jkunu bla qies. Jekk tesporta dan l-eżempju għall-kuntest Malti, li ovvjament hu inqas drastiku, wieħed jinnota li l-festi Maltin joffru wkoll opportunità simili lil eluf ta' Maltin, li min f'ħaġa u min f'oħra, jkunu jistgħu jaljenaw irwieħhom mir-rutina ta' kuljum kif ukoll ikollhom ftit jiem fejn jinsew il-problemi tal-ħajja u jħossuhom importanti bil-volontarjat li jagħmlu fil-komunità tagħhom. Dawn huma okkażjonijiet fejn

persuni komuni, jistgħu jkunu protagonisti u allura anki l-festi Maltin joffru element ta' aljenazzjoni li indubjament jikkontribwixxi għal stabbilità soċjali.

Issa din hi sitwazzjoni li tista' tittieħed minn kampijiet totalment opposti. Jekk tieħu l-argument reliġjuż, wieħed jistaqsi jekk allura l-festi hux qed iservu biex iressqu lis-soċjetà lejn Alla u jekk hemmx elementi ta' paganiżmu li forsi jnaffru lil min għandu twemmin Nisrani mill-Knisja. Il-kritika ewlenija li jagħmlu denominazzjonijiet Kristjani, tipo River of Love, hi li l-Knisja Kattolika f'Malta, hi mifnija bil-paganiżmu. Għalkemm jien ma naqbilx ma' dan l-argument, xorta waħda hu stat ta' fatt li filwaqt li l-attendenza fil-knejjes qed tonqos, jidher li dawn id-denominazzjonijiet qed jiżdiedu b'rata konsistenti. Jekk tieħu l-argument minn aspett purament soċjoloġiku, wieħed jista' jargumenta li l-festi huma biss aljenazzjoni populista li jaljenaw il-komunità mill-problemi vera li għandha l-komunità u l-mexxejja reliġjużi tagħha. Wieħed jista' jżid ukoll il-fatt li f'diversi lokalitajiet, hemm piki kbar bejn żewġ festi jew każini, iktar u iktar isaħħaħ din it-teżi. Studju li sar ftit ta' żmien ilu minn Dr. Charles Xuereb (awtorità tal-festi Maltin) juri li l-festi nibtu u ħadu importanza, proprju wara li l-Knisja Maltija għamlet patt mal-Gvernaturi Ingliżi ftit wara l-wasla tagħhom f'pajjiżna, fejn intalbu jaljenaw il-poplu kif jistgħu, mill-bini tal-bażijiet militari, filwaqt li l-Ingliżi kellhom l-obbligu li jissalvagwardjaw l-interessi tal-Knisja Kattolika f'Malta. Skont Dr. Xuereb, dan jispjega għala f'ħafna bliet u rħula hemm pika esaġerata li tmur lura ħafna deċennji, fejn jgħid li din il-pika serviet biex ħafna persuni setgħu jikkonċentraw fuq kwistjonijiet trivjali, flok jaraw x'qed jiġri madwarhom. Minn aspett iktar forsi prattiku, nemmen li l-festi Maltin huma pjattaforma fejn diversi Maltin ikollhom opportunità unika, u forsi rari, li jesprimu t-talenti tagħhom - min permezz tal-mużika, min permezz tal-arti u skultura, minn permezz tal-armar, min permezz tal-logħob tan-nar, min permezz ta' ħiliet organizzattivi u amministrattivi, min permezz ta' proża u poeżija, u oħrajn. Naħseb li fadal, hu li nagħrfu kif issa, din il-pjattaform nistgħu nużawha aħjar, biex nilħqu biha l-iskopijiet tagħna. Eżempju, żgur li l-Knisja tista' tuża l-okkażjoni biex tilħaq mijiet ta' żgħażagħ, ġenituri u tfal. Jiena mort ħafna festi u rari tara nies tal-kleru, jew nies appuntati mill-Kummissjonijiet Djoċesani, jitħalltu mal-folol li jkunu qed jiċċelebraw fit-toroq, biex jagħmlu outreach fil-komunità. Nemmen ukoll li diversi servizzi tal-Gvern jistgħu jużaw din il-pjattaforma, eżempju Youth.Inc, uffiċjali mis-servizzi soċjali, nies li joffru servizzi ta' counselling. Minn dawn l-okkażjonijiet, sempliċi osservazzjoni, tista' tagħti minjiera ta' informazzjoni lil min ikun qed jipprova jgħin xi familja bil-problemi, jew xi żgħażagħ u tfal bi problemi mal-liġi, jew problemi akuti soċjali. Nemmen li inutli nippruvaw nreġġgħu l-arloġġ lura u nippruvaw noħonqu l-festi biex isiru manifestazzjonijiet purament reliġjużi. Minnflok naħseb, u din ilni snin ngħidha, li wasal iż-żmien u naraw kif nistgħu nirkbu fuq dawn il-manifestazzjonijiet biex intejbu l-esperjenza edukattiva informali tal-poplu u nilħqu lil min vera għandu bżonn. Sadattant nawgura festa mill-isbaħ lill-President, lill-Kumitat u lill-membri kollha tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna u lill-iSkalin kollha.